**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Robert Vella)**

**vs**

**Omissis**
**Omissis**
**Omissis**

**Kumpilazzjoni 134/2018**

**Illum 4 ta' Gunju 2018**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati **Omissis** detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 258294(M), **Omissis** detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 431598(M) u **Omissis** detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 440197(M), billi huma akkuzati talli:

1. Ikkommettejtu serq ta'ghamara u/jew oggetti ohra ghad-dannu ta' Dr. Frank Portelli M.D. u/jew ta' persuna jew persuni ohra, liema serq huwa aggravat bil-vjolenza (numerika), bil-mezz, bil-valur li ma jeccedix elfejn , tlett mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37) u bil-hin

2. Aktar talli fl-istess hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassartu , ghamiltu hsara jew gharraqtu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli , ghad-dannu tas-sid jew sidien ta' ' St.Philip's Hospital' u /jew persuni u/jew entitajiet ohra, liema hsara hija izjed minn mitejn u hamsin ewro (€250) izda ma tiskorrix elfejn u hames mitt ewro (€2500).

Il-Qorti giet mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lilil-imputati ihallsu l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Ikkunsidrat :**

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputati kif registrata fl-atti fis-seduta tal-llum ghall-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghhom.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputati wiegbu li huma hatja, din il-Qorti wissiethom b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba taghhom u tathom zmien xieraq sabiex jekk iridu jergghu lura minnha u kien biss wara li staqsiethom t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni taghhom.

Semghet s-sottomissjonijiet mill-Prosekuzzjoni u mid-difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Illi għalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-istess imputati, il-Qorti tiddikjara li m'għandiex triq oħra salv li ssib lill-imputati ħatja ta' l-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħhom.

Għal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputati ammettew fi stadju bikri tal-proceduri.

**Decide:**

Għaldaqstant, il-Qorti, filwaqt li issib lill-imputati ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħhom, tillibera lill-imputati bla Kundizzjoni.

Finalment l-Qorti tordna d-divjet ta' pubblikazzjoni ta' isem ta' l-imputati fi kwalunkwe mezz ta' komunikazzjoni u dan biex tkun protetta l-identita' tagħhom.

---

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**